MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Talba Numru. 2356/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mark Gollcher abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Mark Gollcher [337464(M)]**

**Vs**

**Sebastian Muscat**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u sittin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm860.17c) rapprezentanti

danni subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehh fit-8 t'Awissu, 2003 fis-saghtejn ta' wara nofsinhar fi Triq Aldo Moro, l-Marsa bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni KBD 929 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni HAU 661.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi huwa m'ghandux tort ghall-incident in kwistjoni izda ghal dan l-incident jahti Amadeo Vella li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBD 929.

Sema' x-xhieda ta' Amadeo Vella, PS 1283 Carmelo Costa u ta' Sebastian Muscat.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta' Dr Joseph Camilleri ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-sewwieqa taz-zewg vetturi kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni fid-*dual carriage way* il-Marsa. L-incident proprju sehh magenb ir-roundabout li minnu mbaghad immedjatament taqbad Triq Aldo Moro biex tibqa' tmur lejn l-ajruport, cjoe' r-roundabout fejn hemm il-fabbrika tas-sulfarini. Amadeo Vella, s-sewwieq tal-vettura ta' l-attur, xehed illi huwa kien qed isuq fil-lane man-naha tal-lemin tat-triq, jigifieri l-aktar lane vicin ir-roundabout u f'daqqa wahda l-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet magenbu, bdiet tersaq lejn il-lane tieghu u rassitu u b'rizultat ta' dan din hakket mieghu u huwa laqat ir-roundabout bir-rota ta' quddiem tan-naha tal-lemin tieghu.
Il-konvenut xehed illi huwa kien qed isuq fil-lane ta' barra jigifieri fil-lane l-aktar vicin tar-roundabout u kien ilu jsuq f'din il-lane sa minn mitt metru qabel ma wasal hdejn ir-roundabout. Il-vettura tieghu hija *left hand drive* u mieghu kellu zewg passiggieri ta' nazzjonalita' Cipriotta. F'hin minnhom Amadeo Vella pprova jaqbzu billi jghaddi minn spazju ristrett bejn il-vettura tieghu u r-roundabout u b'hekk Vella hakk mal-vettura tieghu w anki laqat ir-

roundabout biex b'hekk sehh l-incident. L-incident sar fit-8 t'Awissu, 2003 u fil-11 t'Awissu, 2003 il-konvenut ha z-zewg passiggieri Cipriotti biex ikellmu lis-Surgent Costa billi rrizulta li ghalkemm is-Surgent Costa kien innothom dakinhar ta' l-incident, ma kienx sema' l-verzjonijiet taghhom u ghalhekk huwa ha notamenti u nizzel dak li qalu dawk iz-zewg passiggieri. Fil-fatt fir-rapport esebit mill-Pulizija dwar din il-verzjoni moghtija minn din il-koppja, hemm indikat li Koypieuie Kouriefs qal hekk:

"Called at the Hamrun Police Station on the 11/08/03 at 14.15hrs accompanied by driver of HAU 661 and stated that he was a Cypriot on a visit to Malta and that at the time of the incident he and his wife Eva were passengers in the car number HAU 661. They went on to say that at the time of the incident they were rounding the roundabout. They were on the right hand lane nearest to the roundabout and that the outer vehicle had approached them from the rear right side, attempted to overtake them, dashing into their car in the process. He went on to say that just before the incident he had asked Sebastian Muscat if he knew the driver of the other car since he was persistently attempting to overtake them."
Mill-premess huwa evidenti li hemm kuntrast serju bejn il-verzjoni moghtija minn Vella u dik moghtija minn Muscat kif korroborat mill-passiggier Koypieuie Kouriefs.

Jekk kien is-sewwieq tal-vettura HAU 661 li rass il-vettura KBD 929, allura ta' l-ewwel huwa responsabbli ghall-kollizjoni izda jekk mill-banda l-ohra is-sewwieq tal-vettura KBD 929 ipprova jaghmel manuvra ta' surpass meta l-ispazju kien ferm ristrett, huwa ghandu jigi tenut responsabbli ghaliex intenta tali manuvra meta ma kienx liberu ghalih biex jespletaha.

It-Tribunal jidhirlu illi fid-dawl tal-premess, effettivament il-kollizjoni sehhet billi ghalkemm huwa minnu li qabel l-incident is-sewwieq tal-vettura HAU 661, cjoe' l-konvenut kien qieghed fuq il-lane tal-lemin, stante li huwa kien qed isuq vettura *left hand drive*, huwa probabbli li huwa u jdur mar-roundabout halla aktar spazju bejnu u bejn l-istess roundabout. Jirrizulta wkoll illi l-probabbilta' hija li

Amadeo Vella verament kien qed isuq wara l-vettura ta' Muscat u kien qed jistenna l-opportunita' li jaqbez din il-vettura tant li qabel l-incident il-passiggier Cipriott irrimarka li Vella kien qed jipprova jippersisti biex jaqbez il-vettura ta' Muscat.

Huwa evidenti wkoll illi qabel ma sehh l-incident, Muscat ma kienx intebah bil-manuvra li kien bihsiebu jintenta l-istess Vella. Jista' jkun il-kaz illi Vella nterpreta l-fatt li Muscat halla ftit aktar spazju bejnu u r-roundabout bhala sinjal li kien qed ihalli lill-istess Vella biex jissurpassah, izda Vella ma ntebahx li Muscat kien qed isuq vettura *left hand drive*.

It-Tribunal mhux konvint li qabel l-incident iz-zewg vetturi kienu magenb xulxin u li Muscat rass lil Vella.

Wisq probabbli Vella haseb li Muscat kien ser ihallih jaqbez u dan billi haseb li Muscat kien qed isuq vettura *right hand drive* u li kien intebah bih. Fil-fatt il-persuna li kienet intebhet bih kien il-passiggier Cipriott u mhux is-sewwieq.

Min ser jespleta manuvra ta' *overtaking,* liema manuvra tirrizulta lil dan it-Tribunal li Vella kien bihsiebu jespleta, ghandu obbligu li meta jkun ser jespletaha, li jista' jaghmel dan liberament u minghajr ebda xkiel. Huwa evidenti li hu ghamel *misjudgement* tac-cirkostanzi u ghaggel daqsxejn iz-zejjed biex beda l-manuvra ta' surpass. Certament m'huwiex konsiljat li bniedem jaghmel manuvra ta' *overtaking* meta jkun qed idur madwar roundabout u min qed idur mar-roundabout ghandu joqghod ferm u ferm attent ghat-traffiku li hemm magenbu u quddiemu u dan billi mhux dejjem wiehed jista' jkun jaf liema direzzjoni se tiehu l-vettura li tkun magenbu jew quddiemu.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kawza prossima ghall-kollizjoni hija li Vella pprova jaghmel manuvra ta' *overtaking* f'cirkostanzi li ma kienux indikati li ghandu jaghmel din il-manuvra. Ma jirrizultax, dak li qed jipprova jafferma l-istess Vella, li fil-fatt kien Muscat li kien il-kawza prossima tal-kollizjoni u li rass lil Vella mar-roundabout.

Stante li jirrizulta li Vella huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni, dan igib mieghu l-konsegwenza li t-talba attrici ma tistax tigi akkolta u dan billi l-vettura misjuqa minn Vella hija l-vettura assigurata mas-socjeta' attrici u li hija proprjeta' ta' l-attur Gollcher.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------